MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2009

Numru. 1554/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**Vs**

**Joseph Attard, bin il-mejtin Salvu u Frangiska nee` Desira, imwieled Ghaxaq fl-24/11/1947, li joghod Nru 23, Triq il-Qalb ta' Gesu', Zejtun u detentur tal-karta tal-identita` nru. 1034547M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Attard u cioe` talli fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Dicembru 2007 fil-Wesgha ta' Bir id-Deheb, Ghaxaq, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Paul Grech minn Hal-Tarxien kif ukoll ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema ammont ta' hsara jiskorri l-hames mitt lira (Lm500);

Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, rema' tefa' jew xort'ohra ddepozita f'post, gewwa post, jew minn xi post, fil-berah li l-pubbliku ghandu dritt jew jista' jidhol fih minghajr hlas, u jhalli xi haga tkun li tkun f'cirkostanzi tali li tikkaguna, tikkontribwixxi, jew li tista' twassal ghal, it-tkerrih biz-zibel u skart ta' xi post fil-berah, kemm il-darba dak id-depozitu u t-thollija ma kienux awtorizzati b'Ligi.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;
Rat il-kunses tal-Avukat Generali tat-23 ta' Jannar, 2008, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputata u fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-problema ta' sahha mentali li ghandu l-imputat u fuq kollox il-fatt illi huwa qed ikun segwit minn nies professjonali u jibqa' jiehu l-kura li ghandu bzonn ghal kjondizzjoni tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9 u l-artikolu 3 tal-Kap 206 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tqieghed lill-hati taht ordni ta' probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum b'dan illi l-hati ghandu jibqa' jiehu l-kura psikjatrika li ghandu bzonn.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dana il-perijodu ta' tlett

snin jew jekk huwa jonoqs milli jobdi l-ordni ta’ probation li qed tigi imposta fuqu illum b’dina is-sentenza.

Finalment b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti tordna lill-hati ihallas lil Paul Grech is-somma ta’ elfejn u tlett mitt euro (€2,300) u dan fi zmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------